2024/1758

30.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1758

tal-4 ta' Diċembru 2023

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1), 100 (2), l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jiftħu negozjati maċ-Ċilì dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni mmodernizzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra.

(2) Fid-9 ta' Diċembru 2022, in-negozjati dwar il-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġew konklużi b'suċċess.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar 'il quddiem u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli li jinsabu fil-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra ("Dikjarazzjoni Konġunta"), kif ukoll id-Dikjarazzjoni Interpretattiva Konġunta dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti, li jinsabu fil-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra ("Dikjarazzjoni Konġunta"), it-tnejn li huma mehmuża ma' dan il-Ftehim, jenħtieġ li jiġu approvati.

(4) Ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim jenħtieġ li jiġu applikati fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

(5) Il-Ftehim ma jagħtix, f'konformità mal-Artikolu 41.10 tiegħu, fl-Unjoni, drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra ([1]) huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni Konġunta u d-Dikjarazzjoni Konġunta mehmuża mal-Ftehim għandhom jiġu approvatif'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

([1]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2024/1759, 30.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree/2024/1759/oj.

Artikolu 4

Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu, skont l-Artikolu 41.5 tal-Ftehim u soġġett għan-notifiki previsti fih, il-partijiet li ġejjin tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u r-Repubblika taċ-Ċilì ([2]):

— Il-Kapitolu 1,

— Il-Kapitolu 2,

— Il-Kapitolu 3 — bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 3.4 (Protezzjoni konsulari),

— Il-Kapitolu 4,

— Il-Kapitolu 5,

— Il-Kapitolu 6 – bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 6.2 (Kwistjonijiet ta' taxxa),

— Il-Kapitolu 7,

— L-Artikolu 8.5(1), is-subparagrafu (b),

— Il-Kapitolu 40,

— Il-Kapitolu 41.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

F. BOLAÑOS GARCÍA

([2]) Id-data minn meta l-partijiet tal-Ftehim imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.